# Beati u Qaddisin...Gunju

## SAN GIOVANNI BATTISTA SCALABRINI

## 1 TA' GUNJU

Giovanni Scalabrini twieled gewwa Fino Mornasco vicin Como fit-8 ta' Lulju 1839, it-tielet wild minn tmienja. Missieru Luigi Scalabrini kien kommercjant u



flimkien ma' martu Colomba Trombetta kienu jgawdu stima kbira fil-lokalita'. Missieru edukah flimkien ma' hutu f'ambjent kattoliku u shabu jiftakruh bhala persuna li kienet tistudja u titlob ghal sighat shah. Meta temm l-edukazzjoni elementari, ghada ghal dik superjuri f'Como.

Hemm tkebbes b'imhabba kbira lejn l-Ewkaristija u l-Addolorata. Meta nforma lill-genituri tieghu li jixtieq jiehu t-triq tas-sacerdozju, huma komplew jinkuragguh. U beda' t-triq biex ikun sacerdot, fejn gie ordnat mill-isqof ta' Bergamo fit-30 ta' Mejju 1863.
Maz-zmien kien rettur ta' Sant'Abbondio u aktar tard kien kappillan tal-parrocca ta' San Bartolomeo a Corno, fejn impenja ruhu fost iz-zaghzagh u haddiema. Waqqaf skola ghat-tfal li ghalihom kiteb katekizmu li ddedika li ommu li mietet fis-sena 1865.

Fis-sena 1875 fl-eta ta' 36 gie konsagrat isqof ta' Piacenza. Matul l-episkoat tieghu wera' ruhu rghaj attiv hafna fost il-parruccani tieghu li hafna drabi, imxerrda f'hafna parrocci, seta' biss jilhaqhom jew bil-mixi jew biz-ziemel. Madanakollu qatt ma naqas mid-doveri tieghu li kull tant zmien jaghmel il-vizti tieghu pastorali ta' isqof. Huwa hadem hafna biex inissel devozzjoni kbira lejn l-Ewkaristija. Huwa organizza mill-gdid is-seminarji djocesani u kull fejn kien imur kien jamministra s-sagramenti u jghallem il-fidi. Heggeg biex in-nies ikun devoti tal-papa, fi zmien meta l-antiklerikalizmu kien imxerred sew.

Il-karita' tieghu lejn min kellu bzonn kienet abbundanti u diskreta. Kien ta' servizz lejn il-morda

bil-kolera, izur il-habsin u jghin lill-familji foqra u anke lil ohrajn li ftaqru minkejja li kienu sinjuri. Biegh il-propjeta tieghu u biddel id-dar tieghu arciveskovili fi spizerija biex jghin lill-haddiema u bdiewa morda.

Ghal dawk li kienu torox u mutu waqqaf istitut biex jghinhom kif jista'. Waqqaf centri ta' l-Azzjoni Kattolika, kien ta' protezzjoni ghal dawk ix-xebbiet li kien jigu sfruttati sesswalment waqt ix-xoghol taghhom fl-ghelieqi tar-ross u tant u tant assocjazzjonijiet li kienu ta' beneficcju ghall-parrucani tieghu. Irnexxilu jwaqqaf sezzjoni ta' missjunarji taht l-isem tal-Missjunjari ta' San Carlo biex jahdmu fost l-emigranti li kienu jsiefru biex isibu xortihom gewwa l-Amerika. Ma telaqhomx wahedhom, anzi mar darbtejn izurhom jaghmilhom kuragg.

Pogga din l-attivita' missjunarja tieghu taht il-protezzjoni ta' Gesu' Ewkaristija u Marija Ssma. Miet f'Gunju 1905, fil-festa tat-Tlugh ta' Kristu fis-sema.

Gie Beatifikat mill-Papa Giovanni Pawlu II fid-9 ta' Novembru 1997. Fid-9 ta' Ottubru 2022 kien il-Papa Frangisk li hatru qaddis.